**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 45/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Simon Peter Grech**

Illum, 26 ta' April 2024

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Simon Peter Grech, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 327766M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar 19 ta' Ġunju 2022 għall-ħabta ta' bejn 07:35hrs u 07:40hrs ġewwa Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann:

1. Mingħajr ma darab jew sawwat, hedded lil Carmel Bonnici u Maria Carmela Bonnici b'ġebel jew oġġett ieħor iebes jew waddab jew qabad xi arma sabiex iħebb għalihom;
2. Bl-imġieba tiegħu, ikkaġuna lil Carmel Bonnici u Maria Carmela Bonnici biża' li se tintuża vjolenza kontra tiegħu jew kontra l-propjeta' tiegħu jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa jew familjari oħra tiegħu.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'kaz ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' ta' Carmel Bonnici, Maria Carmela Bonnici u l-familjari tagħhom skond l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-2 ta' Frar 2023, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 339(1)(b) u 251B(1) tal-Kap. 9, iddikjarat l-ewwel akkuża bħala preskritta, iżda sabet lill-imputat ħati tat-tieni akkuża kif dedotta u minflok piena illiberatu bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mid-data tas-sentenza u dana ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Finalment, bis-saħħa u ai termini tal-Artikoli 382A u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u fid-dawl tal-atteġjament tiegħu, kif riżultanti mill-atti, fil-konfront tal-koppja anzjana Bonniċi u bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta' u għal-protezzjoni tal-persuni msemmija, u għaż-żamma tal-ordni pubbliku, il-Qorti bil-preżenti u f'termini ġenerali għamlet Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati Simon Peter Grech billi projbixxiet u rrestrinġiet lill-istess Simon Peter Grech milli javviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-persuni msemmija u billi projbixxiet lil Simon Peter Grech milli jikkuntattja jew jimmolesta lill-persuni msemmija. Dana l-Ordni ġie ordnat li jibqa' fis-seħħ għal perijodu massimu dispost mill-liġi li jibda' jiddekorri mill-mument li din il-kawza tgħaddi in ġudikat.

Rat ir-rikors tal-appellant, Simon Peter Grech, ippreżentat fit-13 ta' Frar 2023, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma fejn iddikjarat l-ewwel imputazzjoni preskritta u tħassarha u tikkanċella fejn sabet lill-esponent ħati tat-tieni mputazzjoni u konsegwentement tilliberah minnha.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet ix-xhieda ta' Carmel Bonnici, Maria Carmela Bonnici u Simon Peter Grech, mogħtija nhar is-26 ta' Jannar 2024.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-uniku aggravju minnu ventilat, l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet applikazzjoni skorretta tal-liġi u apprezzament żbaljat tal-provi meta sabitu ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta kontrih, għaliex jikkontendi illi sabiex tirriżulta r-reita' għal din l-imputazzjoni kien jenħtieġ li jiġi ippruvat 'l hekk imsejjaħ *course of conduct*, li ċertament ma jirriżultax mill-provi prodotti, u dan referibbilment għaż-żmien temporali indikat fiċ-ċitazzjoni.

Illi, sabiex tqis dan l-aggravju il-Qorti mhux biss eżaminat l-atti proċesswali, iżda kellha x-xorti tisma' lill-ko-litigandi jagħtu id-deposizzjoni tagħhom quddiemHa u b'hekk tinsab f'posizzjoni tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]

**Ikkunsidrat:**

Jirriżulta illi għalkemm iċ-ċitazzjoni tidher li qed tirreferi għall-avveniment uniku li seħħ proprju fil-jum u l-ħin hemmhekk indikati, madanakollu ma jidhirx illi dan kien xi inċident iżolat li seħħ bejn l-atturi ewlenin f'din il-viċenda u dan għaliex fl-isfond hemm storja ta' diżgwid u pika bejn l-appellant u il-parti offiża. Ġara illi f'dan ix-xenarju nhar id-19 ta' Ġunju 2022 Carmel Bonnici u martu Maria Carmela Bonnici rrappurtaw l-għassa tal-Pulizija fejn allegaw "**li kienu ġew mhedda minn persuna oħra li jiġi l-ġar tagħhom**", u ċioe' l-appellant. Huma stqarrew li "**nhar id-19/06/2022 filgħodu għal ħabta ta' 07:30hrs waqt li kienu qegħdin ġewwa l-vettura tagħhom u ħerġin minn ġol garaxx tagħhom, ċertu Simon Peter ... kien ġie ħdejn it-tieqa tal-passiġġier ta' quddiem, fejn kien hemm is-Sinjura Bonnici bilqegħda u fejn dan il-persuna kellu 'harpoon' f'idu u ħassewhom mhedda b'dan l-aġir. Is-Sinjura Bonnici stqarret illi dan is-Sur Grech għadda xi kumment imma ma fehmux eżatt, u is-Sur Bonnici qallu biex iħallihom fil-kwiet u li kien ġa bagħtulu ittra bl-avukat u li hu ma jneħħix il-ħmieġ ta' ħaddieħor**".

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Illi, dan kollu, l-koppja Bonniċi jerġgħu jikkonfermawh meta xehdu *viva voce* quddiem dina l-Qorti. Carmel Bonnici xehed li x'ħin hu u l-mara tiegħu niżlu fil-garaxx sabiex joħorġu l-vettura tagħhom, l-appellant beda' "**jgedwed**" u "**jgħajjat bir-rabja**". Is-Sur Bonnici qal lill-mara tiegħu biex idabbru rashom u hekk kif kienu ħerġin bil-vettura, l-appellant ħareġ b'*harpoon* f'idu, mar mat-tieqa tal-vettura u qalilhom "**inpattijilkom**". Finalment huwa xehed ukoll li dan ma kienx l-ewwel inċident li kellhom mal-appellant.

Illi, Maria Carmela Bonnici ukoll xehdet u qalet li nhar id-19 ta' Ġunju 2022 huma kienu ħerġin filgħodu u niżlu fil-garaxx. Hemmhekk kien hemm xi oġġett mal-art u l-appellant għadda minn mal-vettura bil-*harpoon* f'idejh u qal kumment indirizzat lejhom. Tgħid li dak il-ħin hija beżgħet u konsegwenza tal-aġir tal-appellant, kienet inqalgħet ċerta tensjoni. Tgħid hekk:– "**Trid toqgħod attenta meta toħroġ**". Tgħid ukoll li dan ma kienx inċident iżolat u li kien hemm okkazzjonijiet preċedenti fejn l-aġir tal-appellant fil-konfront tagħhom kien ikkaġunalha biza'.

Illi, minn naħa l-oħra, l-appellant irrilaxja stqarrija mal-Pulizija u dana wara li ngħata d-drittijiet tiegħu skond il-liġi. Huwa kien stqarr illi;–

> **"għal ħabta tas-seba u kwarta, seba' u nofs kont qiegħed fl-entratura tal-garaxx tal-komun li jinsab fi Triq R. Caruana Dingli u kont qiegħed niknes hemmhekk sabiex innaddaf l-weraq u l-karti li kien hemm. Sa dan it-tant niżlu l-ġarr Bonnici li joqgħodu fl-istess blokka u kif marru biex jiftħu l-garaxx tagħhom kien hemm xi karti quddiem l-entratura tal-garaxx tagħhom fejn xi ħadd minnhom qabad l-karta u xeħita quddiem l-entratura tal-garaxx tiegħi. Jien dak l-ħin ir-reazzjoni tiegħi kienet illi ngħajru "Foxx ħmieġek, għedtlu karta mhux hekk" qbadt il-pala u l-ixkupa u mort niġbor l-karta u armejta fil-bin illi li kont qed nuza fil-garaxx biex niknes. Dan f'daqqa u l-ħin qabad jgħajjat minix ċert x'qal waqt li kien qiegħed jgħajjat. Dak il-ħin mort ħdejn il-karozza tiegħi illi kienet ipparkjata fl-ispazju tal-garaxx, ħriġt l-mobile u għidtlu li ħa nirrekordjah u bdejt ngħidlu biex jgħajjat jekk irid peress li qiegħed jiġi rrekordjat, u xħin għedtlu hekk waqaf jgħajjat u aqqas qal kelma oħra. Jien ma din il-koppja nzommhom ta' paroli mill-inqas u fejn nista' nwarrabhom. Wara dan, jiena qbadt u tlajt il-fuq, kelli l-affarijiet tad-diving ċioe' flippers, barmil bil-weights, wetsuit etc u tlajt l fuq sabiex nlaħlahom mill-melħ. Wara ftit minuti erġajt inzilt fil-garaxx bil-lift u Mr Bonnici kien fil-karozza qed jirriversja fejn kien diġa' nofsu mdaħħal fil-garaxx u Mrs Bonnici kienet dieħla fil-karozza biex joħorġu, sadattant jiena mxejt sa ġewwa tal-garaxx u qbadt żewġ harpoons illi kelli hemmhekk u ġakketta u dawn kienu bl-intenzjoni illi nitla' fuq u nlaħlaħ l-harpoons bħal**

> **kif laħlaħt l-għodda l-oħra tad-diving. Jien imbagħad erġajt mxejt lura lejn il-lift sabiex nitla' fuq, waqt li jien kont miexi bil-harpoons u l-ġakketta żammejt l-harpoons flimkien f'id waħda jippuntaw l-fuq u l-ġakketta fl-id l-oħra. Mort lejn il-lift, għafast il-lift u tlajt il-fuq u laħlaħtom id-dar. Nixtieq nemfazizza ukoll illi waqt li jien kont għaddej kwalinkwa għamilt minn kollox sabiex ninjurahom u ppruvajt ma ngħatax kashom."**

Illi, meta xehed *viva voce*, l-appellant stqarr li dakinhar tal-inċident huwa kien qed jiknes il-komun tal-garaxx meta niżlu l-parte ċivile u tefgħu karta quddiem il-garaxx tiegħu. Hu kien qallhom li l-affarijiet ma kienux imorru hekk u kien kinisha. Sussegwentement huwa ħareġ l-affarijiet marbuta tal-isport tad-*diving* li huwa jipprattika sabiex jaħsilhom fuq u reġa' niżel bil-*harpoon*. Jgħid li għadda minn ħdejn il-vettura tas-Sinjuri Bonniċi u baqa' sejjer. Huwa innega li qallhom xi ħaġa jew li heddidhom jew li ppunta l-*harpoon* lejhom – "**Jien nevitahom m'għandix għalfejn inkellimhom**".

**Ikkunsidrat:**

Illi, ir-reat addebitat lill-appellant u lidwaru kien misjub ħati mill-Ewwel Qorti huwa dak imfassal fl-Artikolu 251B(1) tal-Kodiċi Kriminali li jiddisponi:–

> **(1) Persuna li l-imġieba tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tkun ħatja ta' reat jekk hija tkun taf jew imissha tkun taf li l-imġieba tagħha se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet, u tista' teħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sena sa sentejn jew multa ta' mhux inqas minn sitt elef u ħames mitt euro (€6,500) u mhux iżjed minn ħmistax-il elf euro (€15,000), jew dik il-multa u priġunerija flimkien.**
>
> **(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-persuna li l-imġieba tagħha tkun waħda dubjuża jmissha tkun taf li tkun se tikkaġuna biża' f'ħaddieħor li ser tintuża vjolenza kontrih f'xi okkażjoni jekk persuna raġonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku taħseb li dik l-imġieba tkun ser tikkaġuna biża' fil-persuna l-oħra f'dik l-okkażjoni.**
>
> **(3) Persuna akkużata b'reat taħt dan l-artikolu tista' ġġib provali:**
>
> **(a) l-imġieba tagħha kienet adottata fiċ-ċirkostanz imsemmija fl-artikolu 251A(3)(a) jew (b); jew**

> **(b) l-imġieba adottata kienet waħda raġonevoli għall-ħarsien tagħha nnifisha jew ta' ħaddieħor jew għall-ħarsien tal-proprjetà tagħha jew ta' ħaddieħor.**

Issa l-appellant jikkontendi b'mod ewlieni li ma tistax tissussisti r-reita' fil-kwadru probatorju ta' dan il-każ billi ma hemmx l-imġieba mifruxa fuq iktar minn okkazzjoni waħda li jitkellem dwarha l-artikolu su-iċċitat, tant illi anke fiċ-ċitazzjoni ż-żmien temporali indikat u li dwaru kien mixli u sussegwentement misjub ħati jirreferi għal data u ħin partikolari li żgur fih ma setax ikun imwettaq l-att materjal ikkontemplat f'din id-disposizzjoni tal-liġi.

Illi, fis-sentenza deċiża minn dina l-Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija vs Nazzareno Zarb, datata 29 t'Ottubru 2021, ġie ritenut li -

> **Biex ikun hemm htija taht l-artikolu 251B irid ikun hemm a course of conduct kif juri l-kliem "*lil xi haddiehor hekk jibza' kull darba minn dawk l-okkazjonijiet*". Jista' jkun hemm aktar minn okkazjoni waħda fl-istess jum u ghalhekk ikun applikabbli l-artikolu 251B xorta wahda.**[2]
>
> **'Dan kollu – u cioe` dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-*Protection from Harassment Act*, 1997 tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk:**
>
> ***"A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions."***
>
> **L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk: "*A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…*"**
>
> **Il-kliem "*on each of those occasions*" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "*on at least two occasions*". Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika**

[2] Il-Pulizija vs Raymond Coleiro deċiża fis-7 ta' Marzu 2012 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede inferjuri) ppreseduta millImħallef David Scicluna, Ref. 205/11.

**– il-kliem “*on at least two occasions thallew barra*”. Fi kliem l-edituri ta’ Blackstone’s Criminal Practice, 2008:**

***‘How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived ‘where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct’. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday… ’***

**“Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta’ x’jammonta ghal “*course of conduct*” ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta’ ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali “imgieba”, haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta’ doza qawwija ta’ saggezza min-naha tal-gudikant. Dak li qed jigi deciz f’din ilkawza hu biss li incident wiehed (u, per di piu`, ta’ minuti) ma jammontax ghal “course of conduct” ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista’ tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi.**

Illi, spjanat dan it-tagħlim ġurisprudenzjali, jirriżulta illi l-uniċi provi li hemm fl-atti jikkonsistu fix-xhieda tal-appellant u tal-koppja Bonnici, u dik il-verżjoni mogħtija minnhom *a tempo vergine* meta sar ir-rapport, liema verżjonijiet tal-fatti huma dijametrikament opposti għal xulxin. Dina l-Qorti kellha l-fortuna li tisma’ x-xhieda tal-partijiet hija stess u għaldaqstant setgħet effettivament tapplika id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali[3] għal ġudizzju tagħha. Huwa evidenti, kif diġa’ ingħad, illi hemm element ta’ pika bejn il-ko-litigandi, iżda f’dan l-inċident partikolari, hija ukoll moralment konvinta illi l-verżjoni tal-fatti mogħtija mill-parti offiża hija aktar attendibbli minn dik tal-appellant. *In oltre*, mix-xiehda tal-konjuġi Bonnici huwa evidenti illi l-appellant, bl-imġieba tiegħu fil-jum indikat fiċ-ċitazzjoni, ġab ruħu

[3] L-eċċezzjonijiet dwar waħda jew oħra mir-raġunijieti msemmijin fl-artikoli 630, 633 u 636, jolqtu biss il-kredibbiltà tax-xhud, u fuq din, id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta’ min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta’ fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

b'mod li kkaġunalhom biza' f'żewġ okkazzjonijiet mifruda minn xulxin permezz ta' ftit minuti. L-ewwel istanza kienet meta l-appellant beda "**jgedwed**" u "**jgħajjat bir-rabja**" meta dan ra karta mormija quddiem il-garaxx tiegħu, liema rabbja tidher li kienet diretta lejn Bonniċi, fatt li huwa kkonfermat ukoll minn dak li stqarr l-appellant stess lill-Pulizija u ċioe' li qallhom **"Foxx ħmieġek, għedtlu karta mhux hekk".** Dan l-aġir u dan il-kliem tal-appellant wassal lil Bonniċi u lil martu ifitxxu jitilqu 'il barra mill-garaxx bil-vettura. Iżda jidher li dan ma kienx biżżejjed għall-appellant li dehrlu li meta mar biex lura jiġbor l-attrezzatura minnu utilizzata fl-isport tad-*diving*, għoġbu igħaddi eżatt minn mal-vettura li fiha kien hemm il-koppja Bonniċi b'*harpoon* f'idejh u tenna l-kliem "**inpattijilkhom**". L-appellant jinnega dan kollu, u ċioe' li b'xi mod hedded lill-konjugi Bonnici bl-attitudni tiegħu u bi kliemu, madanakollu il-Qorti kellha okkażżjoni tinnota is-sens ta' biża li nibtet f'din il-koppja minħabba fl-aġir ta'l-appellant meta huma iddeponew quddiemHa. *In oltre*, il-fatt li seħħew żewġ inċidenti separati, avolja fl-istess ġurnata, li t-tnejn li huma wasslu lill-konjuġi Bonniċi jħossuhom mhedda u beżgħana bl-aġir tal-appellant fil-konfront tagħhom, ċertament li jammontaw għall-"*course of conduct*" hekk kif ravviżat fil-liġi. Għaldaqstant, l-aggravju mressaq mill-appellant qed ikun respint.

**Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha., bit-terminu mogħti għall-Ordni ta' Trażżin ta' tlett snin jibda jiddekorri mill-lum.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**